MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 36/2018

It-Tnejn 16 t'April 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-deputat *chairperson* is-Sur Frank Fenech u l-membru s-Sur Simon Salomone Reynaud kienu skużati u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 35/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

36.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

36.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

36.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 36.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

36.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li d-dgħajjes fil-parkeġġ ta' Marsalforn qed jiżdiedu u issa hemm ukoll xi caravans. Hi saħqet li għandha ssir pressjoni mal-pulizija sabiex dawn jitneħħew u ma jokkupawx parkeġġi tal-karozzi.

36.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li avviċinawha xi sidien tal-karozzi tal-linja li qed ikollhom ħsarat fit-tajers tagħhom x'ħin jiksru mal-kantuniera tal-*Plajja Guesthouse* minħabba *bollards* mal-bankina. Il-membri tal-Kumitat qablu sabiex ninfurmaw lis-sid ta' dan l-istabbiliment u nissuġġerulu jneħħihom.

36.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li hemm bżonn issir pressjoni mal-Perit tal-Kunsill sabiex isir l-istudju neċessarju dwar il-possibilta' ta' periklu fis-siġra ta' quddiem il-Knisja ta' Marsalforn qabel iseħħ xi inċident.

36.3.4 Iċ-*Chairperson* għamlet punt dwar il-lampi ġodda li kienu ġew approvati fil-laqgħa ta' qabel għal Triq Għar Qawqla. Kienu ġew proposti li jsiru bħal ta' Triq il-Port iżda qalet li aħjar nieħdu parir mill-Inġinier Galea Curmi biex ma jiġrix bħalma ġara lil dawk ta' Triq Santa Marija u jitqaċċtu bil-maltemp.

## 36.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

36.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-fanali ta' Triq Santa Marija wara risposta li kellna minn GaleaCurmi Engineering li dawn il-lampi ser ikunu nstallati u jixegħlu sa nofs April 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li llum stess bagħat email lil Galea Curmi Engineering biex jara fhiex waslu.

## 36.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

36.5.1 Il-Kumitat irċieva ittra mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) dwar każ li kien seħħ nhar il-31 ta' Mejju 2016 fejn is-sinjura Carmen Scerri kellha inċident ma' arblu li kien qed jindika li l-parkeġġ huwa riservat għall-persuni b'diżabilita'. Is-sinjura Carmen Scerri kienet talbet għall-kumpens ta' dawn il-ħsarat peress li skont hi, l-arblu ma kienx qiegħed imwaħħal skont il-prattiċi regolari. Il-Kumitat qabel li la darba s-sinjura Carmen Scerri ma preżentatx id-dokumenti meħtieġa skont il-proċeduri, hi mhix intitolata għal rifużjoni tal-ħsarat. Il-Kumitat iddeċieda li ser jibqa' ma' din id-deċiżjoni u jittieħed parir mill-avukat Dr Mario Scerri dwar il-każ.

36.5.2 Il-Kumitat Amministrattiv irċieva ittra minn Transport Malta li ma ssib l-ebda oġġezzjoni li Triq il-Wied f'Marsalforn tingħalaq, bħal snin oħra, għat-traffiku mill-1 ta' Ġunju 2018 sal-aħħar ta' Settembru 2018 bejn

20:00hrs u 00:00hrs. F'korrispondenza oħra, Transport Malta infurmat lill-Kumitat li Triq il-Qbajjar f'Marsalforn dejjem saret *one way* fl-istess żmien jiġifieri mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Settembru. Transport Malta talbet spjegazzjoni dettaljata mill-Kumitat wara li ssir konsultazzjoni mar-residenti u mas-sidien tal-istabilimenti ta' din it-triq biex il-*one way* issir mill-15 ta' Mejju kif mitlub mill-istess Kumitat. Wara diskussjoni waqt il-laqgħa, il-Kumitat iddeċieda li l-*one way* issir bħal snin oħra, jiġifieri mill-1 ta' Ġunju 2018 sal-aħħar ta' Settembru 2018.

36.5.3 Ilment KAM 08/2018 – P.P. Sammut
Jitlob biex titbaxxa l-bankina ta' Riva Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Il-Kumitat qabel mas-Sindku li jmur jara' fuq il-post.

36.5.4 Ilment KAM 07/2018 – J. Hili
Qed jitlob biex id-*double yellow lines* li kienu saru ta' metru kull naħa tal-garaxx, jiżdiedu għal metru u nofs. Il-Kumitat iddeċieda li skont il-liġi s-sinjali jsiru ta' metru u mhux aktar.

36.5.5 Ilment KAM 06/2018 – D. McKay
Tilmenta dwar periklu fis-sies taħt il-promenade ta' Triq Għar Qawqla f'Marsalforn u dwar il-platform tal-bajja li hemm 'il ġewwa mill-menqa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li flimkien mas-Sindku u mal-Perit tal-Kunsill saret spezzjoni fuq il-post u l-Perit ikkonkluda li m'hemmx periklu li s-sies jista' iċedi. Il-Perit issuġġerixxa li ssir tabella biex ma joqogħdux nies hemm taħt peress li jista' jaqa' xi żrar żgħir jew trab. Il-Kumitat qabel li ssir din it-tabella. Rigward il-platform, il-Kumitat huwa nfurmat li din qiegħda fil-ħsibijiet tal-Ministeru għal Għawdex biex titranġa.

36.5.6 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Victor Refalo obo Ekxa Kiosk – Country nights:
  1, 2, 8, 9, 15, 16, 22, 23, 29, 30 ta' Ġunju 2018;
  6, 7, 13, 14, 20, 21, 27, 28 ta' Lulju 2018;
  3, 4, 10, 11, 17, 18, 24, 25, 31 t'Awissu 2018;
  1, 14, 15, 21 ta'Settembru 2018.
- Jesmond Xerri obo Mellows Bar – Band:
  30 ta' Mejju 2018; 6 u 20 ta'Ġunju 2018; 4 u 18 ta' Lulju 2018;
  1 u 22 t'Awissu 2018; 12 ta' Settembru 2018.

- Gary Doyle obo Glassbox Bar – Band:
  17, 21, 24, 27 ta' Ġunju 2018;
  1, 5, 8, 11, 15, 19, 22, 25, 29 ta' Lulju 2018;
  2, 5, 8, 12, 15, 23, 26, 29 t'Awissu 2018;
  2, 5, 9, 13, 16, 19, 23, 26 ta' Settembru 2018;
  3, 7, 10, 14, 17 t'Ottubru 2018.
- Alessandro Ciappi obo I Toscani – Band:
  28 t'April 2018;
  5, 12, 19, 26 ta' Mejju 2018.
- Culture Department Activities:
  9, 16, 21, 23, 30 ta' Lulju 2018;
  6, 13, 20, 27 t'Awissu 2018;
  3, 10, 17 ta'Settembru 2018.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u tal-pulizija. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn issir pressjoni mal-pulizija sabiex il-kundizzjonijiet jiġu nfurzati biex ma jkunx hemm tgergir mir-residenti li joqogħdu fil-madwar.

36.5.7 Il-Kunsill irċieva ittra minn Oasi Foundation talba għall-għoti ta' permess biex jagħmlu l-attivita' annwali Riflessi Sajfin f'Marsalforn. Huma għamlu talba għall-post tal-attivita' fil-menqa jew fil-parkeġġ u ndikaw eżatt fuq *site plan*. Il-Kumitat qabel li jagħti l-permess lil Oasi Foundation iżda f'parti oħra fil-parkeġġ fi Triq il-Plejju u tingħalaq dik il-biċċa mit-triq biex ma jitteħidx wisq spazju ta' parkeġġ. Il-Kumitat saħaq ukoll li dakinhar stess irid isir il-palk u jiżżarma dakinhar stess filgħaxija.

## 36.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 36.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018.

<u>Iffirmati</u>
Marija Saliba
*Chairperson*

<u>Iffirmati</u>
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv